PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10089 — Phillips 66/Fortress Investment Group/Pester Marketing)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 424/07)

1. Fl-1 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Phillips 66 Company ("Phillips 66", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Fortress Investment Group LLC ("Fortress", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn SoftBank Group Corp. ("Softbank", il-Ġappun),

— in-negozju ta' pompa tal-petrol u ħanut tal-merċa ta' Pester Marketing ("Pester Marketing", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Phillips 66 u Fortress jakkwistaw indirettament, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Pester Marketing.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Phillips 66: jipproċessaw, jittrasportaw, jaħżnu u jikkummerċjalizzaw il-fuels u l-prodotti globalment permezz ta' portafoll ta' negozji integrati midstream, tal-kimika, tar-raffinar u tal-kummerċjalizzazzjoni,

— Fortress: investiment globali u ġestjoni tal-assi,

— Pester Marketing: il-pussess u t-tħaddim ta' stazzjonijiet tas-servizz li jbigħu fuel tal-magni u oġġetti tal-konsum ta' kuljum fir-reġjuni Rocky Mountain, fil-Lbiċ u l-Mid-West tal-Istati Uniti tal-Amerka.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10089 — Phillips 66/Fortress Investment Group/Pester Marketing

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË